**MALTA**

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI
# MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.

**Każ Nru. 238/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

**Vs**

**Daniele Di Bona**
**Fatah Mohamud Hassan**
**Daud Shiek Ahmed**

**Illum 4 ta' Diċembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' **Daniele Di Bona**, iben Vincenzo u Franca neè Grande, imwieled l-Italja fit-30 ta' Lulju 1989 u detentur ta' dokument ta' identifikazzjoni Taljan bin-Numru AY5198068, ta' **Fatah Mohamud Hassan**, iben Hassan Mohamud u Sarah neè Ahmed, imwieled is-Somalja fl-10 ta' Diċembru 1983 u detentur ta' Permess ta' Residenza Malti bin-Numru 0031614A, u ta' **Daud Shiek Ahmed**, iben Shiek Ahmed u Halima neè Omar Mohammed, imwieled is-Somalja fl-1 ta' Jannar 1995 u detentur ta' Permess ta' Residenza Malti bin-Numru 0079818A, talli nhar il-21 ta' Marzu 2023, bejn il-ħinijiet ta' 08:00hrs u 09:00hrs ta' filgħodu, ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan, u/jew fil-viċinanzi u/jew f'dawn il-gżejjer:

1. Ikkommettew serq ta' sebgħin Euro (€70), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, u dan għad-detriment ta' Khalid Ahmed Feysal, bi ksur ta' l-Artikoli 261(a), 262(1)(a)(b), 275 u 276 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammu jew issekwestraw lil Kh1alid Ahmed Feysal kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, bi ksur ta' l-Artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru, jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara huwa tlett mija u ħamsin Euro (€350), jiġifieri ma tiskorrix l-eflejn u ħames mitt

[1] Fol. 157 u 158 tal-proċess.

Euro (€2,500) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-dannu ta' Khalid Ahmed Feysal, bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Iżjed talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebbew għal Khalid Ahmed Feysal sabiex jinġurjawh, idejquh jew jagħmlulu ħsara b'xi mod, bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr ma darbu jew sawtu, heddu lil Khalid Ahmed Feysal b'ġebel jew oġġett iebes ieħor jew waddbu jew qabdu xi arma (sikkina) sabiex jħebbu għalih, bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kisru l-paċi pubblika u/jew l-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied, bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għexu ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ, bi ksur ta' l-Artikolu 338(w) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-aħħar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (a), (b), (ċ), (d) u (e) ta' l-Artikolu 42 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' malta;

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Daniele Di Bona waħdu**:

9. Talli indirizza lejn Khalid Ahmed Feysal, kliem ta' inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, bi ksur ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma' **Daud Shiek Ahmed** u **Fatah Mohamud Hassan** bħala reċidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talbiet ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti, barra milli tinfliġġi il-pieni stabbiliti mil-Liġi: (i) tipprovdi għas-sigurtà ta' Khalid Ahmed Feysal ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) tordna l-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti; (iv) tapplika l-Artikolu 28H għall-fini ta' kumpens fil-konfront tad-derubat; u (v) tordna lill-imputati jirrestitwixxu lill-parti offiża kull ħaġa misruqa jew li huma xjentement laqgħu għandhom b'riċettazzjoni jew akkwistaw bi frodi jew qliegħ ieħor kontra l-Liġi, bi ħsara ta' dik il-parti bi/jew permezz tar-reat, jew li jħallsu lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra skond l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, maħruġ fil-konfront ta' kull wieħed mill-imputati a fol. 163 sa' 165 tal-proċess;

Rat li kull wieħed mill-imputati ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u kull wieħed minnhom iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 13 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Keith Xerri mogħtija waqt is-seduti tat-28 ta' Marzu 2023[3], tad-19 ta' April 2023[4] u ta' l-4 ta' Mejju 2023[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "KX1" sa' Dok. "KX6" a fol. 58 sa' 61 tal-proċess[6], Dok. "KXW" u Dok. "KXW1" a fol. 105 sa' 107 tal-proċess, u Dok. "KXA1" sa' Dok. "KXA3" a fol. 125 sa' 135 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1440 Sergio Spiteri mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2023[7] u x-xhieda ta' Khalid Ahmed Feysal mogħtija waqt is-seduti tat-28 ta' Marzu 2023[8] u 29 ta' Marzu 2023[9] u rat id-dokumenti markati Dok. "GV" u Dok. "GVX" a fol. 95 sa' 99 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC274 Roderick Caruana[10] u PC987 Daniel Joseph Sultana[11] mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' April 2023 u x-xhieda ta' Stephania Calafato Testa[12], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2023 u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SCT1" sa' Dok. "SCT3" a fol. 117 sa' 122 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku John Sacco mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023[13] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata bħala Dok. "JSX" a fol. 138 sa' 154 tal-proċess, u semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Zachary Zammit[14] u ta' Stephanie Grech[15], in rappreżentanza tal-LESA, mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023;

Rat illi l-imputati lkoll iddikjaraw li ma għandhomx provi x'jressqu u għażlu li ma jixhdux f'dawn il-proċeduri;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni a fol. 180 sa' 186 tal-proċess u rat in-Noti Responsivi ta' l-imputat Fatah Mohamud Hassan a fol. 187 u 188 tal-proċess u ta' Daniele Di Bona a fol. 192 sa' 198 tal-proċess;

Rat illi l-imputat Daud Shiek Ahmed iddikjara li jirrimettu ruħu għall-atti[16];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati lkoll flimkien qed jiġu mixlija talli nhar il-21 ta' Marzu 2023, bejn il-ħinijiet ta' 08:00hrs u 09:00hrs ta' filgħodu, ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan, u/jew fil-

---

[2] Fol. 166 sa' 168 tal-proċess.
[3] Fol. 52 sa' 57 tal-proċess.
[4] Fol. 102 sa' 104 tal-proċess.
[5] Fol. 123 u 124 tal-proċess.
[6] Dok. "KX1" sa' Dok. "KX3" għandha Esebit Nru. KA153/2023.
[7] Fol. 62 sa' 69 tal-proċess.
[8] Fol. 70 sa' 83 tal-proċess.
[9] Fol. 86 sa' 94 tal-proċess.
[10] Fol. 108 u 109 tal-proċess.
[11] Fol. 110 sa' 113 tal-proċess.
[12] Fol. 115 u 116 tal-proċess.
[13] Fol. 137 tal-proċess.
[14] Fol. 169 tal-proċess.
[15] Fol. 170 u 171 tal-proċess.
[16] Fol. 189 tal-proċess.

viċinanzi u/jew f'dawn il-gżejjer: (1) ikkommettew serq ta' €70, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, u dan għad-detriment ta' Khalid Ahmed Feysal; (ii) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammu jew issekwestraw lil Khalid Ahmed Feysal kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra; (3) ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru, jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara huwa €350, jiġifieri ma tiskorrix €2,500 iżda hija iżjed minn €250, għad-dannu ta' Khalid Ahmed Feysal; (4) iżjed talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebbew għal Khalid Ahmed Feysal sabiex jinġurjawh, idejquh jew jagħmlulu ħsara b'xi mod; (5) ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr ma darbu jew sawtu, heddu lil Khalid Ahmed Feysal b'ġebel jew oġġett iebes ieħor jew waddbu jew qabdu xi arma (sikkina) sabiex jħebbu għalih; (6) talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kisru l-paċi pubblika u/jew l-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied; (7) ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għexu ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ; (8) fl-aħħar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (a), (b), (ċ), (d) u (e) ta' l-Artikolu 42 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat Daniele Di Bona waħdu qed jiġi mixli ulterjorment talli ndirizza lejn Khalid Ahmed Feysal, kliem ta' inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi (ossia l-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta), jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni. In oltre l-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputati Fatah Mohamud Hassan u Daud Shiek Ahmed bħala reċidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputati lkoll wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' kull wieħed minnhom.

Ix-xhud prinċipali f'dawn il-proċeduri huwa, bla dubju ta' xejn, l-allegat vittma **Khalid Ahmed Feysal**, illi xehed fil-kors tas-seduti miżmuma fit-28[17] u 29 ta' Marzu 2023[18]. Huwa stqarr li nhar il-21 ta' Marzu 2023, għall-ħabta tat-8:00a.m., ġewwa San Ġiljan, safa' attakkat u derubat. Xehed illi niżel mill-hotel fejn kien alloġġjat dak iż-żmien u mar lejn il-bus stop u f'ħin minnhom ġie xi ħadd minn warajh, li għarfu bħala l-imputat Daniele Di Bona, u tefa' idu l-leminija ma' għonqu u żamu lura u kif ipprova jdur, persuna oħra, li huwa għarfu bħala l-imputat Fatah Mohamud Hassan, tah daqqa ta' sikkina u jerġa' persuna oħra, li huwa għarfu bħala l-imputat Daud Shiek Ahmed, ħadlu il-flus mill-but. Iddikjara li għalkemm huma ġew minn warajh, x'ħin iġġildilhom huwa dar u ralhom wiċċhom. Bis-sikkina li ntużat tqattgħet il-ġakketta li Khalid Ahmed Feysal kien liebes dakinhar.

Fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2023, l-Ispettur Keith Xerri ppreżenta ġakketta markata Dok. "KX2"[19], liema ġakketta hija mqatta' fuq in-naħa ta' wara, u Khalid Ahmed Feysal ikkonferma li dik hija l-ġakketta li kien liebes dakinhar li jallega li ġie aggredit u misruq mill-imputati. Huwa stqarr ulterjorment illi waqt din l-aggressjoni u serqa, li skontu damet madwar għaxar minuti, fuq il-bus stop kien hemm xi tletin ruħ oħra li dak il-ħin bdew jgħajtu u jgħollu leħinhom. Stqarr però, u dana in kontro-eżami, li ħadd minn

[17] Fol. 70 sa' 83 tal-proċess.
[18] Fol. 86 sa' 94 tal-proċess.
[19] Esebit Nru. KA154/2023.

dawn il-persuni, li skontu kienu nisa, ma mar jagħtih l-għajnuna għaliex peress li l-imputati kellhom is-skieken, bdew jibżgħu minnhom. Hekk kif skontu rnexxielu jeħles minn din is-sitwazzjoni, Feysal niżel l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan fejn irrapporta dak li ġara. Il-Pulizija telgħu miegħu fuq il-post ta' l-aggressjoni u serqa u waqt li kienu hemm huwa ra lill-imputati fi Spinola Gardens, indikahom lill-Pulizija li għaddew biex jarrestawhom.

In kontro-eżami Khalid Ahmed Feysal stqarr li f'dan l-inċident insterqulu €70 li kellu fil-but tal-ġakketta, dawn kienu karta ta' €50 u karta ta' €20. Tenna li hu tela' fil-post fejn seħħ l-inċident flimkien mal-Pulizija u kif ra lill-imputati fi Spinola Gardens bilqiegħda fuq bank, indikahom lill-uffiċjali li kienu miegħu. Stqarr li kif il-Pulizija marru fil-ġnien, wieħed mill-imputati tefa' sikkina jew imqass ma' l-art u hu indikah lill-Pulizija li għaddew biex jelevawh. Huwa insista u saħaq li lill-imputati ma kienx jafhom qabel u ma kienx jiffrekwenathom.

Dak affermat minn Khalid Ahmed Feysal tul il-kors tal-proċeduri huwa dak minnu effettivament rapportat lill-Pulizija, hekk kif jirriżulta mix-xhieda ta' **PS1440 Sergio Spiteri**[20] u minn **PC987 Daniel Joseph Sutlana**[21].

Fis-seduta tad-19 ta' April 2023[22], l-**Ispettur Keith Xerri** ppreżenta CCTV footage ta' camera tal-LESA, li fih inqabad parti mill-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Dan il-footage ġie eżaminat u analizzat mill-Espert Tekniku John Sacco li rrelata dwar dak li irriżultalu u ħareġ stills rilevanti għall-każ in eżami - Relazzjoni Dok. "JSX" a fol. 138 sa' 154 tal-proċess.

Meta l-Qorti analizzat il-footage (u b'hekk mhux biss l-istills maħruġa mill-Espert Tekniku) irriżultaw fatti li ma jikkoroborawx għal kollox dak affermat minn Khaled Ahmed Feysal.

Mill-imsemmi footage jirriżulta li kuntrarjament għal dak affermat minn Khaled Ahmed Feysal, huwa ma marx mid-direzzjoni tal-hotel tiegħu, li mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni rriżulta li kien il-Marco Polo Hostel, lejn il-bus stop ta' Spinola fi Triq San Ġorġ, iżda jidher tiela' ma' persuna oħra, li baqgħet mhux identifikata u lanqas biss minnu msemmija fix-xhieda tiegħu, min-naħa ta' Triq il-Knisja u jdur lejn Triq Ross. Wara Khalid Ahmed Feysal, jidhru ġejjin tlieta min-nies oħra li hekk kif jersqu iktar fil-qrib jirriżulta li huma t-tlett imputati odjerni. Khalid Ahmed Feysal u t-terza persuna jidhru jaqsmu Triq Ross, bit-tlett imputati jaqsmu warajhom. Feysal, it-terz u t-tlett imputati jidhru jieqfu fil-kantuniera ta' Triq Ross ma' Triq Paceville, ma jidhirx eżatt x'qed jagħmlu iżda jidhru qegħdin kollha ħdejn xulxin però sa' dan l-istadju mingħajr sinjali ta' xi kolluttazzjoni, u jdumu hemm minn 08:39:54 sa' 08:40:09, meta Khalid Ahmed Feysal jidher jerġa' jaqsam Triq Ross u jmur lejn Triq San Ġorġ. L-imputati jidhru jaqsmu t-triq warajh u x'ħin jalsu fil-kantuniera ta' Triq Ross ma' Triq San Ġorġ, tidher kolluttazzjoni bejn Feysal u t-tlett imputati, bl-imputat Daniele Di Bona jidher ħin minnhom iżomm lill-imputat għal ftit u imbagħad it-tlett imputati jidhru jimbuttaw lil Feysal u jerġgħu jiġu ħdejn iz-zebra crossing fi Triq Ross. Hawn jidher li Feysal qed jghid xi ħaġa lill-imputati u x'ħin idur u jidher tielaq 'l hemm, wieħed mill-imputati jidher jaqbad lil Feysal mill-hood tal-ġakketta u jaqlagħha u hemm jidhru jibqgħu jargumentaw verbalment bejniethom, sakemm jerġgħu jibdew mixjin lejn Triq San Ġorġ. Ftit Sekondi

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2023, fol. 62 sa' 69 tal-proċess.
[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' April 2023, fol. 110 sa' 113 tal-proċess.
[22] Fol. 102 sa' 104 tal-proċess.

wara jerġgħu jiġu lejn Triq Ross u lkoll jidhru għadhom qed jargumentaw flimkien sakemm f'08:42:09 Khalid Ahmed Feysal jidher jitlaq lejn id-direzzjoni ta' Triq San Ġorġ u l-imputati jidhru jitilqu warajh.

Dan hu dak li jinqabad mill-inċident bejn Khalid Ahmed Feysal u l-imputati u l-inkonsistenzi li jirriżultaw max-xhieda li ta Khalid Ahmed Feysal ma għandhomx u ma jistgħux jiġu njorati minn din il-Qorti hi u tikkonsidra l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati.

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati:**

A bażi tar-rapport ta' Khalid Ahmed Feysal li huwa ġie aggredit u misruq mill-imputati, il-Prosekuzzjoni tixli lill-istess tlett imputati bir-reat ta' serq ta' €70, aggravat bil-vjolenza, a detriment ta' l-istess Feysal.

In kwantu rigwarda r-reat ta' serq u l-elementi li jikkostitwixxu l-istess, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Valletta**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu 2019, fejn ġie osservat illi: *il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta dritt u cioè tagħti tifsira tal-kunċett ta serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il-Manzini - 'l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilità del patrimonio'. Jekk wieħed janalizza il-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta serq, għalhekk in-nozzjoni ta serq tista prima facie tidher faċli u ta intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta serq dejjem ta lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw id-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid: "il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro". Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-sid, u 5. animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu infissru li t-teħid ta l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi graita. In fatti ir-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini presupposto essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, minn jieħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta serq, se mai ta misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia ġie spjegat fil-kawża "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud, iżda li t-terz jiġi spussessat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta serq. Dan il-kunsens jista jkun tant espress kemm taċitu. Fċ'irkostanzi eċċezzjonali jista jkun preżunt, u allura l-buona fede ta l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma*

*lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew komodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

Meta jiġu kkunsidrati l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati, il-Qorti ma tistax għajr tikkonkludi li l-istess Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati huma effettivament ħatja li wettqu tali reat. Il-prova prinċipali tal-Prosekuzzjoni huwa bla dubju ta' xejn Khalid Ahmed Feysal, illi jallega li huwa ġie aggredit mill-imputati u li fil-kors ta' tali aggressjoni, insterqulu €70 li allegatament kellu fil-but tal-ġakketta tiegħu. Peress illi dawn il-flus allegatament misruqa ma instabux fil-pussess ta' l-imputati, li ġew arrestati ħin qasir wara l-inċident ma' Feysal, jirriżulta ċar li l-unika prova ta' dan l-allegat reat hija proprio x-xhieda ta' Khalid Ahmed Feysal. Madanakollu però kif appena osservat Khalid Ahmed Feysal irriżulta li ma kienx għal kollox sinċier fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti, u jekk niġu għalhekk anke fir-rapport mal-Pulizija, stante li mill-filmat esebit mill-Prosekuzzjoni stess u eżaminat mill-Qorti (oltre mill-Espert Tekniku nominat) jidher b'mod ċar li dak affermat minn Feysal ma jirrispekkjax għal kollox il-verità.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputati fir-rigward ta' reat meta l-unika prova prodotta hija xhieda ta' persuna li għad illi l-allegat vittma, irriżulta li ma huwiex għalkollox affidabbli f'dak li qal.

Għall-finijiet ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati, il-Prosekuzzjoni tistrih ukoll fuq il-fatt li fil-pussess ta' l-imputat Daniele Di Bona nstabet card tal-bank Banco Pacinico li tgħajjat lil ċertu Daniel Guartan u li fil-pussess ta' l-imputat Fatah Mohamud Hassan instabet tal-Linja Card f'isem Rhys Carl. Dawn iż-żewġ fatturi però bl-ebda mod ma jistgħu jikkostitwixxu prova tal-ħtija ta' l-imputati jew min minnhom għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tagħhom u dana billi: (i) hekk kif jirriżulta mix-xhieda ta' l-Ispettur Keith Xerri[23], ma rnexxilux jistabilixxi bħala fatt li l-imsemmija card tal-bank u tal-Linja Card kienu ġew rappurtati misruqa; u (ii) fi kwalunkwe każ, *dato ma non concesso* li dawn setgħu kienu misruqa, ma jfissirx b'daqshekk li Khalid Ahmed Feysal realment safa' misruq mill-imputati. It-teorija ta' *unlawful possession of recently stolen goods* tapplika appuntu għal oġġetti jew affarijiet li jirriżultaw misruqa u fil-pusess ta' l-imputat li huma mertu ta' l-imputazzjonijiet partikolari u mhux fir-rigward ta' oġġetti oħra mhux relatati u per di più mingħajr prova li kienu misruqa, li jinstab fil-pussess ta' l-imputat.

Punt ieħor li l-Prosekuzzjoni tistrih fuqu huwa l-fatt li l-imputat Daud Shiek Ahmed jidher li għandu flixkun birra f'idejh, flixkun li l-Prosekuzzjoni tqis li qajla seta' inxtara mill-imputat bi flusu stante meta ġie arrestat ma nstabx li kellu flus fuqu. Bir-rispett kollu lejn il-Prosekuzzjoni, dan l-argument assolutament ma jistax iwassal għas-sejbien ta' ħtija ta' l-imputat imsemmi għar-reat mertu ta' l-ewwel imputazzjoni għas-sempliċi raġuni li Daud Shiek Ahmed kellu l-flixkun tal-birra f'idejh waqt il-kolluttazzjoni ma' Khalid Ahmed Feysal u mhux wara u għaldaqstant ma setax ġie ottenut b'xi flus allegatament misruqa mill-imsemmi Feysal.

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2023, fol. 52 sa' 57 tal-proċess.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati huma ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

**It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati:**

L-imputati, dejjem a bażi tar-rapport li Khalid Ahmed Feysal għamel mal-Pulizija, qed jiġu mixlija wkoll li bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammu jew issekwestraw lil Khalid Ahmed Feysal kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra.

Fir-rigward ta' dan ir-reat, issir referenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija v. Christopher Zammit"** pronunċjata fl-1 ta' Diċembru 2022, fejn ingħad is-segwenti: *sabiex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa biżżejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 u ċioè l-arrest, jew iż-żamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta tagħha, u dan mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti. Il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jgħid hekk dwar l-element materjali tar-reat in diżamina:- "... the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un' altro." (ROBERTI – ibid, para 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested." Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza reċenti tagħha fl-ismijiet Il-Pulizija v. Josmar Pace, qalet hekk in propositu ta dan id-delitt:- Fi kliem l-awturi Smith & Hogan l-arrest jissusisti 'by words alone if one submits. [vide Il-Pulizija v Albert Cassar deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990.] Maino fil-ktieb tiegħu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bħall-artikolu 86 tagħna a fol 112 para. 788; Vol II billi jgħid: "Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittma ogni possibilita di scampo o di soccorso" Antolisei fil-ktieb tiegħu Manuale di Diritto Penale jgħid: "Le fattispecie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non è totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. È necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Ladarba l-Qorti tqis li għandha iktar toqgħod fuq dak li jirriżulta mill-filmat esebit mill-Prosekuzzjoni - Dok. "KXW"[24] - milli fuq dak affermat minn Khaled Ahmed Feysal, mill-istess filmat ma jirriżultawx l-elementi li jikkostitwixxu r-reat li bih qed jiġu mixli l-imputati bit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom. Konsegwentement għalhekk, anke fir-rigward tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li huma effettivament ħatja ta' tali reat.

**It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

[24] Esebit mill-Ispettur Keith Xerri waqt is-seduta tad-19 ta' April 2023.

L-imputati qed jiġu mixlija wkoll talli volontarjament ħassru, jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara huwa ta' €350, jiġifieri ma tiskorrix €2,500 iżda hija iżjed minn €250, għad-dannu ta' Khalid Ahmed Feysal. Din l-imputazzjoni bbażata fuq l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija kjarament marbuta mal-fatt li Feysal ippreżenta ruħu ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan bil-ġakketta mqatta', senjatament b'qata' fuq id-dahar tagħha.

Għalkemm mill-filmat Dok. "KXW" tirriżulta kolluttazzjoni bejn Khalid Ahmed Feysal u l-imputati fejn jidhru b'mod ċar jiġbduh mill-ġakketta u għalkemm ukoll ma jistax jiġi eskluż li ntużat xi forma ta' xafra waqt din il-kolluttazzjoni, il-Qorti xorta waħda ma tistax issib lill-imputati ħatja tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom u dana għar-raġuni li l-Prosekuzzjoni ma ressqet assolutament l-ebda prova dwar il-valur tad-dannu kawżat lil Feysal, wisq inqas li tali dannu jammonta għal €350. Imkien fil-provi prodotti ma tressqet prova dwar il-valur tal-ġakketta u jekk l-istess ġakketta tistax titranġa u meno, fattur dan li wkoll jimpinġi fuq id-dannu kawżat.

Mingħajr tali prova l-Qorti ma tistax issib lill-imputati ħatja tar-reat ta' ħsara volontarja prospettat fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ta' xi reat minuri previst fl-imsemmi artikolu tal-Liġi, u konsegwentement għalhekk f'dan il-każ ukoll ma tistax għajr li tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati huma ħatja tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

**Ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati:**

L-imputati qed jiġu mixlija wkoll li ħebbew għal Khalid Ahmed Feysal sabiex jinġurjawh, idejquh jew jagħmlulu ħsara b'xi mod.

F'dan ir-rigward il-prova tal-ħtija ta' l-imputati għal din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom, tirriżulta bl-iktar mod ċar u lampanti, u għalhekk lil hinn minn kull dubju raġonevoli, mill-filmat Dok. "KXW" in kwantu kif già iktar 'l fuq osservat, l-imputati kjarament jidhru f'kolluttazzjoni ma' Khalid Ahmed Feysal fejn jidhru ċar jimbuttawh u anke jiġbduh mill-ġakketta li kien liebes dakinhar ta' l-akkadut. F'din il-kolluttazzjoni kif ingħad tqattgħet il-ġakketta ta' Feysal.

Għaldaqstant, fir-rigward tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hin minn kull dubju raġonevoli, il-ħtija tagħhom għal tali imputazzjoni.

**Il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati:**

Bil-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom, l-imputati qed jiġu mixlija talli mingħajr ma darbu jew sawtu, heddu lil Khalid Ahmed Feysal b'ġebel jew oġġett iebes ieħor jew waddbu jew qabdu xi arma (sikkina) sabiex jħebbu għalih.

Għalkemm mill-filmat Dok. "KXW" ma jistax jingħad b'mod ċar li ntużat xi forma ta' arma jew xafra fil-kolluttazzjoni bejn l-imputati u Khaled Ahmed Feysal, ma hemmx dubju li huwa ppreżenta ruħu ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan bil-ġakketta b'qata' fid-dahar. Mill-filmat in kwistjoni jidher ċar li Feysal ġie aggredit minn wara mill-imputati u mix-xhieda ta' l-uffiċjali tal-Pulizija involuti f'dan il-każ jirriżulta li taħt il-

bank fejn instabu l-imputati bilqiegħda fil-ġnien ta' Spinola kien hemm imqass u fuq il-persuna ta' Daniele Di Bona nstab wine opener mgħammar b'xafra, li ġie esebit bħala Dok. "KX3" mill-Ispettur Keith Xerri.

Huwa minnu li dawn huma provi indizzjarji tal-fatt li l-imputati kellhom arma, oġġett b'xafra, sabiex ħebbew għal Khalid Ahmed Feysal, iżda fir-rigward il-provi indizzjarji, il-prinċipji fis-sistema ġuridika tagħna konsistentement huma li *l-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistgħu raġjonevolment jingħataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni waħda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-Liġi, sabiex in bażi tagħha tista' tinstab ħtija. Kif tgħid u titlob il-liġi, biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġonevolment jasal għall-konklużżjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' univoċità tagħha, cioè li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu u, allura, kull dubju raġonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-Liġi. .... Kif ingħad fil-każ Ingilterra DPP v. Kilbourne, meta l-provi indizzjarji ġew imqabbla mal-kordi tal-ħabel: "One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus is may be in circumstantial evidence - there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that iss, with as much certainty as human affairs can require or admit of"*[25].

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, fejn seħħet kolluttazzjoni bejn l-imputati u Khalid Ahmed Feysal fil-kors ta' liema l-ġakketta ta' Feysal tqattgħet - u dana b'qata' tidher magħmula minn xafra - fuq in-naħa ta' wara, u fejn l-imputat Daniele Di Bona nstablu wine opener b'xafra fil-pussess tiegħu u taħt il-bank fejn kienu bilqiegħda l-imputati instab imqass, il-Qorti hija moralment konvinta li fil-kors tal-kolluttazzjoni ma' Feysal l-imputati kellhom arma b'xafra, li effettivament intużat minnhom.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati huma ħatja tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

**Is-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati:**

L-imputati qed jiġu mixlija wkoll talli volontarjament kisru l-paċi pubblika u/jew l-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied. Hawn il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nicholas Obaseki**, deċiza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Ġunju 2020, fejn saret referenza għas-segwenti deċiżjonijiet: *Il-Pulizija versus Maria Concetta Green*[26] fejn il-Qorti osservat: *L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejja' ħbreach of the peace'. L-elementi ta dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumità ta*

---

[25] Il-Pulizija v. Joseph Grech, Appell Nru. 615/2016, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Ġunju 2017.
[26] Decided by the Court of Criminal Appeal on the 19th November 1999, Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol. LXXXIII.iv.441.

*persuna jew dwar l-inkolumità ta proprjetà, kemm b'riżultat dirett ta dak l-għemil jew minhabba l-possibilità ta reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjetà) ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. ... Il-Pulizija vs. Noel Tanti*[27] fejn ingħad*: ... Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" [23.6.1994] imbagħad ġie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta dan ir-reat mal-kunċett Ingliz ta breach of the peace" tirrisali għal żmien Sir Adriano Dingli li proprju f kawża deċiża minnu fl-10 ta Gunju, 1890 , fl-ismijiet: "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." kien qal hekk :- "Che il buon ordine e la tranquillità pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all autorità pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, è violazione dell ordine pubblico, independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475). Fl-istess sentenza ta Paul Busuttil ġew ċitati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992), jgħidu:- "The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) u dik il-Qorti żiedet tgħid li:- "Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x jammonta jew x ma jammontax f kull każ għar-reat ta ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978): "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985,para.41- 01). U aktar 'l quddiem l-istess awtur jgħid :- "...although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04).*

Applikati dawn il-prinċipji għal dak li jirriżulta mill-filmat Dok. "KXW", il-Qorti tqis li l-elementi tal-kontravvenzjoni li biha qed jiġu mixlija l-imputati bis-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom ma jissusistux.

Huwa veru li bejn Khaled Ahmed Feysal u l-imputati kien hemm kolluttazzjoni fejn l-imputati imbuttaw u dejqu lil Feysal, però ma jidhirx u ma jirriżultax li dan l-aġir tagħhom ikkostitwixxa ksur tal-bon ordni u paċi pubblika. In effetti fil-lok fejn seħħet din il-kolluttazzjoni kien hemm ħafna nies, nies però li ma dehrux turbati jew inkwetati minħabba dak li kien qed jiġri u li in verità baqgħu għaddejjin bl-affarijiet tagħhom qisu ma kien qed jiġri xejn.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputati għas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

---

[27] Decided by the Court of Criminal Appeal on the 5th May 2005.

**Is-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati:**

L-imputati qed jiġi mixlija wkoll talli għexu ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ.

Hawn il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ħtija ta' l-imputati għal din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom u dana billi kull wieħed minnhom fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija u esebiti a fol. 26 sa' 34 tal-proċess, stqarr li ma għandux residenza fissa u li ma jaħdimx.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputati għas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

**It-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati:**

Bit-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom, l-imputati qed jiġu mixlija talli aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (a), (b), (ċ), (d) u (e) ta' l-Artikolu 42 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tqis li fid-dawl ta' dak li rriżulta fir-rigward tal-każ in eżami huwa evidenti li din l-imputazzjoni hija għal kollox irrelevanti u mmaterjali u għaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

**L-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Daniele Di Bona waħdu:**

L-imputat Daniele Di Bona waħdu jinsab mixli talli indirizza lejn Khalid Ahmed Feysal, kliem ta' inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, ossia fil-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront ta' Daniele Di Bona waħdu, **PC987 Daniel Joseph Sultana**[28] xehed illi meta hu u l-kollega tiegħu marru ħdejn l-imputat fil-ġnien ta' Spinola, *aħna għamilna search fejn Daniele beda jgħidlu ħafna kliem bit-Taljan u f'ħin minnhom qallu wkoll "I kill you" lill-vittma, fejn aħna bdejna nippruvaw nikkalmaw is-sitwazzjoni u nżommuh kalm. Aħna ċempilna lis-surġent u għidnielu biex jitla' bil-vettura tas-servizz ħalli nniżżluhom ġewwa l-Għassa. X'ħin is-Surġent wasal bil-karozza tas-servizz, x'ħin konna se neħduhom ġewwa l-vettura, Daniele telaq jiġri wara l-vittma, fejn dak il-ħin tlaqna niġru warajh sakemm ħadnieh ġol-vann.* PC987 Daniel Joseph Sultana tenna li *x'ħin konna qegħdin hemm, Daniele beda jgħidlu ħafna kliem bit-Taljan, imma jien ma nifhimx bit-Taljan allura ma nistax ngħid x'kien qed jgħid, però qallu l-kliem "I kill you" bl-Ingliż u jien dik stajt nifhimha u x'ħin konna se neħduh lejn il-vann, hu pprova jmur għalih.*

A bażi ta' tali xhieda, li ma ġiet bl-ebda mod kontradetta mill-imputat Daniele Di Bona, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imsemmi imputat għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu.

---

[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' April 2023, fol. 110 sa' 113 tal-proċess.

**Addebitu tar-reċidiva:**

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imputati Fatah Mohamud Hassan u Daud Shiek Ahmed għandhom jiġu trattati bħala reċidivi ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tibda billi tosserva li siccome l-imsemmija żewġ imputati mhux qed jinstabu ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom, ossia dik ta' serq aggravat bil-vjolenza, l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami.

L-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll jekk mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

Il-Prosekuzzjoni ppreżentat sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Fatah Mohamud Hassan"[29] pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Frar 2019, minn liema sentenza, senjatament min-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni ta' l-imputat f'dawk il-proċeduri, jirriżulta li ngħatat fil-konfront ta' Fatah Mohamud Hassan, imputat fil-proċeduri odjerni. B'dik is-sentenza huwa kien instab ħati u ġie debitament sentenzjat għall-imputazzjonijiet hemm dedotti fil-konfront tiegħu, u ma kienx hemm appell minnha. Konsegwentement l-imputat Fatah Mahmoud Hassan għandu jitqies bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni ppreżentat ukoll żewġ sentenzi fl-ismijiet "The Police v. Daud Shiehk Ahmed"[30] pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Ġunju 2018 u "Il-Pulizija v. Daud Shiek Ahmed"[31] ukoll pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Lulju 2022, li mid-dettalji ta' l-imputat f'dawk il-proċeduri jirriżulta li ngħataw fil-konfront ta' l-imputat odjern Daud Shiek Ahmed. B'dawk is-sentenzi l-imputat instab ħati ta' l-imputazzjonijiet hemm dedotti fil-konfront tiegħu u ġie debitament sentenzjat. Fid-dawl ta' dan għalhekk anke l-imputat Daud Shiek Ahmed għandu jitqies reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Meta persuna kkundannata għal delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Peress illi f'dawn il-proċeduri l-imputati Fatah Mohamud Hassan u Daud Shiek Ahmed qed jinstabu ħatja ta' kontravvenzjonijiet u mhux ta' delitt/i[32], huwa evidenti li l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami. Detto ciò il-Qorti ma tistax ma tagħmilx referenza għal dak provdut fl-Artikolu 53 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *meta persuna kkundannata għal kontravvenzjoni tagħmel kontravvenzjoni oħra fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tiskonta jew tiġi maħfura l-piena*

[29] Dok. "KXA1" a fol. 125 sa' 128 tal-proċess.
[30] Dok. "KXA2" a fol. 129 sa' 132 tal-proċess.
[31] Dok. "KXA3" a fol. 133 sa' 135 tal-proċess.
[32] Vide definizzjoni tal-kelma "reat" fl-Artikolu 2 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn hemm distinzjoni bejn delitt u kontravvenzjoni.

*tista' teħel detenzjoni għal żmien mhux iżjed minn xahrejn, jew multa, inkella l-priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahar.*

Dan il-provvediment tal-Liġi għandu jiġi kkunsidrat biss fir-rigward ta' l-imputat Fatah Mohamud Hassan stante li mis-sentenzi esebiti jirriżulta li huwa kien instab ħati ta' u sentenzjat għal kontravvenzjonijiet, iżda l-istess ma jirriżultax fir-rigward ta' l-imputat Daud Shiek Ahmed.

Bis-sentenza pronunċjata fil-konfront tiegħu fit-22 ta' Frar 2019, l-imputat Fatah Mohamud Hassan instab ħati fost affarijiet oħra ta' diversi kontravvenzjonijiet u ġie ikkundannat għal tmien xhur priġunerija effettiva u għall-ħlas ta' multa ta' €4,000, liema multa ġiet konvertita f'ħabs fit-28 ta' Frar 2019[33]. Il-kontravvenzjonijiet odjerni twettqu fil-21 ta' Marzu 2023 u għaldaqstant u bla dubju ta' xejn iktar minn tlett xhur minn meta l-piena in kwistjoni ġiet skontata. Għaldaqstant huwa evidenti li l-Artikolu 53 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax fil-każ in eżami.

Għalhekk l-imputati Fatah Mohamud Hassan u Daud Shiek Ahmed għandhom u jistgħu jitqiesu reċidivi biss ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, ossia kontravvenzjonijiet, li tagħhom l-imputati qed jinstabu ħatja.

**Decide:**

Għaldaqstant, filwaqt li l-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati flimkien u filwaqt ukoll li mhux qed issib lill-imputati ħatja ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħhom flimkien u b'hekk tilliberahom minnhom, wara li rat u kkunsidrat:

- L-Artikoli 17(ċ), 338(w) u 339(1)(b)(d)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Daniele Di Bona** ħati tar-raba, il-ħames u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputati l-oħra, **u** ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u tikkundannah għall-perijodu ta' xahrejn (2) detenzjoni;

- L-Artikoli 17(ċ), 338(w) u 339(1)(b)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputati **Fatah Mohamud Hassan** u **Daud Shiek Ahmed** ħatja tar-raba', il-ħmaes u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħhom flimkien ma' l-imputat Daniele Di Bona, u wara li rat l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tqishom bħala reċidivi ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, u tikkundanna lil kull wieħed minnhom għall-perijodu ta' xahrejn (2) detenzjoni.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputati kollha Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Khaled Ahmed Feysal. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' sena (1), li jibda jiddekorri millum, u taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

[33] Vide Dok. "SCT2" a fol. 119 u 120 tal-proċess.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqhom bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tagħhom kif ukoll ir-responsabilità kull wieħed minnhom f'każ li jiksru xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jistgħu jiġu kkundannati għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

In vista tal-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputati, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 383 et seq. tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputati, flimkien u in solidum bejniethom, iħallsu lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' €1,658.63[34] rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina f'dawn il-proċeduri ta' l-Espert Tekniku John Sacco.

Ai termini ta' l-Artikoli 23(2) u 344 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-konfiska tal-*corpus delicti*.

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ukoll, il-Qorti tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-likwidazzjoni ta' danni a favur Khaled Ahmed Feysal ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[34] Fol. 143 tal-proċess.